MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 980/1997/1

**Jonathan Borg**

**vs**

**Moira Mizzi gja' Borg**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti kienu ccelebraw zwieg fir-Registru Pubbliku nhar it-tmienja (8) ta' Jannar tal-elf disa' mija u sebgha u tmenin (1987), kif jirrizulta mill-anness certifikat (Dok. "A");

Illi l-imsemmi zwieg kien biss wiehed tad-deher u apparti, *stante* li kien null u bla effett, ghall-finijiet u effetti kollha tal-**artikolu 19 (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**,

u dan minhabba li l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet tal-istess, u ghalhekk inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi l-kontendenti huma legalment separati, u dan bis-sahha ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali tal-hamsa (5) ta' Settembru, tal-elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) (Dok. "B" hawn mehmuz);

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat fir-Registru Pubbliku fit-8 ta' Jannar 1987, bejn il-kontendenti (Certifikat Nru. 23/87) kien null u bla effett, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 12 tal-process;

Rat il-verbal tad-9 ta' Frar 1999 fejn Dr. Keith Bonnici ghall-konvenuta talab biex jiggustifika l-kontumacja tal-konvenuta u ta raguni ghal din it-talba. Peress li Dr. J.R. Micallef ghall-attur ma opponiex, il-Qorti laqghat it-talba u pprefiggiet terminu ta' ghoxrin (20) gurnata biex il-konvenuta tipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet taghha. Il-Qorti nnominat lil Dr. Lorraine Schembri Orland bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tat-18 ta' Frar 1999 a fol. 18 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-esponenti tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ghaqlija ta' dina l-Onorabbli Qorti wara li tkun evalwat il-process kollu u c-cirkustanzi ghal kawza odjerna.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 19 tal-process.

Rat il-verbali tal-14 ta' Mejju 1999; tal-14 ta' Ottubru 1999 u tas-16 ta' Marzu 2000.

Rat in-noti tal-attur Jonathan Borg, dik datata 28 ta' Marzu 2000 fejn permezz taghha esebixxa l-affidavit ta' missieru William Borg, u dik tat-12 ta' Gunju 2000 fejn esebixxa l-affidavit t'ommu Joan Borg.

Rat il-verbali tad-9 ta' Ottubru 2000; tat-12 ta' Frar 2001; tal-15 ta' Gunju 2001; tat-22 ta' Novembru 2001 fejn il-Perit Legali pprezentat ir-rapport; tat-13 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tal-14 ta' Mejju 2002 fejn il-Perit Legali Dr. Lorraine Schembri Orland halfet ir-rapport; tas-26 ta' Gunju 2002 fejn Dr. Chris Vella ghall-attur irrimetta ruhu ghar-rapport u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicembru 2002 fejn peress li kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Marzu 2003.

Rat is-seduti mizmuma u relazzjoni tal-Perit Legali.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attur,** fid-dikjarazzjoni tieghu annessa mac-citazzjoni kkonferma l-fatti fuq imsemmija. Hu stqarr li dak iz-zmien kienu ntilfu ghal xulxin u kienu fasslu pjan sabiex il-genituri tieghu jaccettaw ir-relazzjoni ta' bejniethom. Dan il-pjan kien jikkonsisti filli l-konvenuta tohrog tqila. Izda dan il-pjan, minflok, gab l-effett oppost u l-genituri tal-attur

baghtulhom ittra ufficjali tal-10 ta’ Dicembru 1986 anness bhala Dok. “A” mac-citazzjoni.

Illi ittra ufficjali giet ipprezentata fil-10 ta’ Dicembru 1986, cjoe’ ftit gimghat biss qabel iz-zwieg, u giet indirizzata liz-zewg partijiet. B’dan il-mittenti ntimaw lill-kontendenti li kienu qed jopponu ghaz-zwieg taghhom minhabba *ragunijiet serji u gravi fosthom dawk ta’ nuqqas ta’ maturita’, nuqqas ta’ preparazzjoni ghall-pass daqshekk serju, nuqqas ta’ mezzi biex jaffrontaw il-pizijiet u billi l-attur ma kellux impieg u mezzi ohra biex izzomm familja u lanqas post ta’ residenza fejn toqghod familja.* B’din l-ittra ukoll il-genituri tal-attur urew l-oppozizzjoni shiha u assoluta taghhom ghaz-zwieg ikkontemplat bejniethom u ntimawhom li ser jiehdu l-passi mehtiega biex jinhelsu mill-obbligu ta’ manteniment fost affarijiet ohra.

Illi l-attur kompla stqarr li ma setghux jiksbu l-awtorizzazzjoni mill-Kurja ghaz-zwieg taghhom peress li *“dehrilhom li ahna ma konniex imehhijin ghaz-zwieg kif suppost”.* U b’hekk izzewgu fir-Registru Civili taz-Zwigijiet.

Illi wara li zzewgu, xorta ma marrux jikkoabitaw u minflok baqghu jghixu mal-genituri rispettivi taghhom. Kienu gja’ bdew jahsbu ghas-separazzjoni izda meta twieldet binthom Danika fit 30 ta Gunju 1987, ipprovaw jghixu flimkien bhala mizzewgin izda spiccaw li regghu nfirdu u sseparaw personalment.

Illi l-attur qal li *“meta izzewwigt ghamiltu biss ghat-tarbija li hi kienet qeghdha tistenna ma tkunx illegittima, u wkoll ghax bqajt nemmen li l-konvenuta tigi accettata mill-genituri tieghi”.*

Illi fix-xhieda dettaljata tieghu, l-attur spjega li hu u l-konvenuta kienu ltaqghu peress li hi kienet impjegata fil-fabbrika ta’ missieru. Mill-ewwel ir-relazzjoni taghhom ma kenitx gradita, anzi sabet l-oppozizzjoni ta’ missieru tant li l-konvenuta tilfet l-impieg taghha u fl-ahhar anke l-attur spicca li kellu jitlaq minkejja li kienu ghamlu zmien jiltaqghu bil-mohbi.

Illi huma ghalhekk holqu pjan biex il-konvenuta tigi accettata u ddecidew li hi tohrog tqila. *"Di fatti jien hsibt li meta titwieled it-tarbija fl-ahhar mill-ahhar nispiccaw nghixu mal-genituri taghna u mid-diskora li sar bejnietna nghid li l-konvenuta kienet tal-istess hsieb ukoll".*

Illi l-attur spjega li gharrfu lill-genituri taghhom rispettivament bit-tqala mal-ewwel. Missier il-konvenuta mill-ewwel qallu li kellhom jizzewgu u hu accetta. Hu ghall-ewwel qal lil ommu wara li assigura ruhu li missieru ma kienx id-dar u kienet ommu li gharrfet lil missieru u *"kien hemm paniku shih".* Ir-reazzjoni ta' missieru u ta' ommu kienet negattiva sal-ahhar u opponew iz-zwieg bejniethom.

Illi l-attur kellem lill-Kappillan ta' San Giljan, Fr. Tony, li wkoll wera ruhu kontra z-zwieg. Tul dan il-perjodu, l-attur baqa' jghix mal-genituri tieghu. Kien bla mpieg u *"Kont taht pressjoni kbira kkagunata, fost affarijiet, mid-disapprovazzjoni tal-genituri tieghi, l-oppozizzjoni ta' Fr. Agius, u l-biza' li giet ikkagunata mic-cirkostanza ta' Moira li kienet tqila, u ridt nara x'ser naghmel biex inzomm il-kelma tieghi maghha".*

Illi l-attur skopra li setghu jizzewgu civilment u ddecieda li jaghmel hekk: *"Dan kollu hadtu bhala sfida. Ridt nisfida lill-genituri tieghi".*

Illi kellhom riceviment zghir wara c-cerimonja li ghalih ma attenda hadd mill-familja tieghu nkluza ohtu. Zijuh il-favorit irrifjuta li joqghodlu xhud. Ghall-bidu baqghu jghixu malgenituri tal-konvenuta izda *"kont gja' bdejt inhossni konfuz"* u mar id-dar. Meta zzewgu t-tnejn kienu bla mpieg izda wara l-attur sab impieg ta' *waiter*.

Illi sa minn qabel ma twieldet it-tarbija, l-attur mar jiehu parir ghas-separazzjoni w annullament taz-zwieg u l-avukat tieghu bdielu l-process legali b'citazzjoni bin-numru 680/97. Il-konvenuta baqghat tipprova tipperswadih jirritorna izda hu baqa' jabita mal-genituri tieghu li kienu tal-parir li jibqghu jghixu separatament u z-zmien jurihom

jekk ghandhomx jizzewgu bil-Knisja. Irritornaw jghixu flimkien izda nfirdu wara t-twelid.

Illi l-attur sab impieg barra minn Malta peress li kien iddisprat li isib *job*. Meta kien jigi Malta kien jghix mal-ġenituri tieghu u kellu access ghat-tarbija. Il-familja tieghu bdew jaccettaw lill-konvenuta. Skond l-attur, dak iz-zmien kien indeciz hafna: *"Kont noqghod ghad-decizjoni ta' kulhadd".* Sussegwentement ipprovaw jirrangaw. Kienet disponibbli d-dar tan-nanna tal-attur f'xi 1989 u kellhom imorru joqghodu maghha. Kien kellimhom il-Kappillan tal-Parrocca ta' San Pawl, tal-Belt u bdew jaghmlu l-preparamenti ghaz-zwieg bil-Knisja. *"Jien hassejt li ma kellix triq ohra minnhabba t-tarbija u minhabba l-fehmiet ta' dawk ta' madwari".*

Illi spiccaw li zzewgu bil-Knisja u marru jabitaw f'post li gie allokat lilhom mill-Gvern. L-attur baqa' jahdem barra minn Malta u xorta kellhom problemi u sseparaw *de* facto fil-1992 sa fl-ahhar infirdu definitivament.

Illi **Fr. Tony Agius**, li fil-perjodu rilevanti kien il-kappillan ta' San Giljan, xehed *"Kelli diversi inkontri mal-familji rispettivi u mal-koppja kif ukoll sirt naf aktar dwar il-problemi. Wara dawn l-inkontri kont wasalt ghall-gudizzju tieghi fil-vesti ta' kappillan li Jonathan u Moira ma kellhomx jizzewgu ghal dak iz-zmien u kont tajt parir li jsiru jafu lil xulxin ahjar qabel ma jiehdu l-pass ghaz-zwieg u jhallu t-tarbija titwieled."* Fr. Agius kien gja' jaf sew il-familja tal-attur u lill-attur stess. Hu ggustifika l-konkluzjoni tieghu peress li *"kont tal-fehma li kienu ghadhom zghar hafna*, *neqsin hafna mill-esperjenza kif ukoll li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet ghadha ta' ftit xhur. Jekk il-memorja sservini sew, Moira kienet harget 'pregnant' wara xi xahar biss li bdew jiltaqghu. Lanqas kellhom dar fejn joqghodu u Jonathan ma kellux 'job' fiss imma kellu jiddependi fuq missieru li kien itih il-'pocket money'. Preparazzjoni ghaz-zwieg ma kellhomx inkluz li ma kienux marru l-kors ta' Kana .... irrealizzajt li l-impenn taz-zwieg ma kienx car. Ma setghux jifhmu r--responsabbilitajiet taz-zwieg. Meta kellimthom fuq id-dover tat-trobbija u taz-zwieg ma kienux cari u wrewni li*

*ma kienx hemm pjanijiet u lanqas hsieb ghax ma kienux immaturaw Nghid li mid-diversi nkontri li kelli mal-partijiet u l-familjari taghhom qabel iz-zwieg, ma kellix dubji dwar dak li gja' esprimejt, li ma kienux motivati u ppreparati ghaz-zwieg. Ghalija kien car li fil-kaz prezenti l-koppja 'did not stand a chance' li jirnexxu fiz-zwieg".* L-istess xhud stqarr wkoll li Jonathan deher influwenzat mill-konvenuta biex jidhol ghaz-zwieg.

Illi **Joan Borg,** fl-affidavit taghha stqarret li xi xahrejn wara li kienet rat lill-konvenuta ma' binha l-ewwel darba, binha nfurmaha li hi kienet harget tqila. Dak iz-zmien binha, l-attur kellu (17) sbatax-il sena u l-konvenuta ftit aktar minn (16) sittax-il sena. Ir-reazzjoni taghha u ta' zewgha kien li ma jinkoragguhx biex jizzewweg *"anzi, konna hsibna li naghmlu minn kollox biex dan iz-zwieg ma' jsirx". Kien b'dan il-hsieb li sussegwentement baghtulhom ittra ufficjali".*

Illi l-konvenuta u ommha kienu gew id-dar taghhom ftit qabel il-Milied tas-sena 1986 u omm il-konvenuta kienet qalet li uliedhom kellhom jizzewgu. Dan is-suggeriment kien sab l-oppozizzjoni kemm tax-xhud kif ukoll ta' zewgha, William Borg. Omm il-konvenuta rrabbjat hafna izda hi u bintha accettaw ukoll li jaghmlu *checkup* mediku sabiex jigi kkonfermat l-istat taghha.

Illi x-xhud ikkonfermat li kien gie jzurhom Fr. Tony Agius, il-kappillan ta' San Giljan u kien irrimarka li l-kontendenti kienu qed jidhru mghagglin minnhabba t-tqala u li hu deherlu li ma kellux imexxilhom il-karti biex jizzewgu *"ghalhiex kellu riservi qawwija dwar jekk kienux jafu ser jaghmlu".*

Illi hi xehdet li sadanittant, l-argumenti bejn zewgha u l-attur baqghu ghaddejjin u binhom spicca li telaq mid-dar izda kien gie lura wara li cemplulu. Baqghu jiltaqghu ma' Fr. Tony izda filwaqt li Jonathan esprima li qabel mas-suggeriment li ma jghagglux, il-genituri ta' Moira ma qablux. Hi rrimarkat li binha kien idawwar il-fehma kull meta kien jirritorna minghand il-konvenuta. Huma zzewgu fir-Registru u la x-xhud u lanqas zewgha m'attendew ghal

din ic-cerimonja. Hi xehdet li *"ghalkemm bqajna nkellmu lil Jonathan u Moira, ma konna qatt accettajna li z-zwieg isir u Jonathan kien jidher qisu mhawwad u mdejjaq".*

Illi **William Borg,** fl-affidavit tieghu kkonferma li wara li kien ra lil ibnu mal-konvenuta, urih li ma kellux pjacir b'din ir-relazzjoni li, anke, kienet kontra l-*policy* tal-kumpanija taghhom. Hu xehed li ibnu laqghu hazin u wrih li ma riedx jaghti kazu. Xehed ukoll li Jonathan kien ibiddel fehemtu ta' spiss, daqqa jghidlu li kien ser jaqta' minn mal-konvenuta, izda meta jerga' jiltaqa' maghha, idawwar kliemu. Wara li ibnu nformah li l-konvenuta harget tqila, ix-xhud irrakkonta li gew isibuh il-konvenuta u ommha. Ommha bdiet tinsisti li uliedhom kellhom jizzewgu izda x-xhud uriha li *"zball ma jitrangax b'iehor".*

Illi fi kliem dan ix-xhud *"kont konvint li ma kienx hemm maturita' bizzejjed biex iz-zwieg seta' jsir sewwa".* Waqt il-laqgha, hu staqsa lill-partijiet x'gieghlhom jaghmlu dan il-pass (tat-tqala) u l-konvenuta wegbitu *"ghax kien hemm min ma ridniex flimkien".*

Illi **Jason Fabri** wkoll xehed bl-affidavit. Hu habib tal-attur izda sar jafu xi ftit wara li zzewweg. Fil-fatt kienu ghadhom qed jistennew li titwieled it-tarbija. Skond dan ix-xhud, l- attur kien fetah qalbu mieghu u qallu li kien izzewweg minhabba li t-tfajla li kien johrog maghha harget tqila. *"Qalli li t-tarbija kienet l-unika raguni li ghaliha kien gie mgieghel li jizzewweg.... Jonathan kien iqatta' hafna hin mieghi u ma' zewg shabi ohrajn u dan biex jevita kemm jista' li jmur id-dar".*

Illi **l-konvenuta** xehdet biss permezz tad-dikjarazzjoni taghha annessa man-nota tal-eccezzjonijiet, fis-sens li wriet li taqbel mal-kronologija tal-fatti kif imfissra mill-attur. Hi ddikjarat ukoll ii kienet ghadha mmatura biex tapprezza s-sinjifikat taz-zwieg. *"Jien kont ridt nizzewweg lill-attur biss sabiex il-genituri tieghu ma jkomplux ifixklu r--relazzjoni taghna".*

**<u>(ii) PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi l-attur, permezz tac-citazzjoni, strah fuq il-kap ta’ difett fid-diskrezzjoni tal-gudizzju a tenur tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Att taz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta)**. Jista’ jkun hemm l-ekwivoku li qed jiddeduci wkoll is--simulazzjoni peress li, fil-premessi hemm imnizzel il-kliem *“u ghalhekk inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva ....”.*

Illi l-Qorti bhal brava perit legali Dr. Lorraine Schembri Orland mhix ser tidhol fil-kwistjoni ta’ simulazzjoni peress li hi sodisfatta li l-kap imsemmi mahsub fl-**artikolu 19 (1) (d)** dedott mill-attur jirrizulta mill-provi kif ukoll li, min-natura taghhom, dawn iz-zewg kapi ta’ nullita ma jistghux jigu mressqa konguntivament imma biss *in sussidium.* Dan qed jinghad *stante* li d-difett fid-diskrezzjoni tal-gudizzju jippresumi inabilita’ da parti tal-persuna konsensjenti li ma tiehux decizjoni ntegra u valida, filwaqt li l-kap ta’ simulazzjoni jippresumi kapacita’ ghad-decizjoni pozittiva li teskludi z-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi **Art. 19 (1) (d)** jipprovdi li *“il-kunsens kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha”.*

Illi l-**art. 19 (1) (d)** jittratta dwar difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. B’dan il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ mmaturita’ li parti jew l-ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku kien rikjest maturita shiha u perfetta, ftit jew xejn ikunu validi z-zwigijiet li jigu ccelebrati.

Illi n-nuqqas *tad-discretio iudicii* huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita’ ta’ parti jew ohra li taghti kunsens liberu u xjenti ghall-komunjoni tal-hajja li ser titwieled biz-zwieg. (**“Angela Spiteri nee’ Selvaggi vs Joseph Spiteri”** (P.A. 4 ta**’** Novembru 1994).

Illi l-Qorti f’dik is-sentenza li *ormai* saret pacifika gurisprudenza, irriferiet ghall-guristi u gurisprudenza Kanonika rigward dan il-kap ta’ nullita’ fis-sens li:-

*“Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus ... richiede una capacita’ intellettuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e’ per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, riechiede quindi, una integrita’ di mente e di liberta’, date che si tratta di assumersi una ‘servitus’ per tutta la vita” (**Colagiovanni – Forum 1990, Vol. I pt. 1 pg. 72**).*

Illi pero’ kif inghad, l-immaturita’ jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju d-dottrina u gurisprudenza *“non si riferisconio ad una piena e terminale maturita, non esigone nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio’ che puo’ comportare la vita coniugale, ne’ un perfetto equilibrio volitivo - affettivo, ne’ infine, una conoscienza perfetta delle motivaziorli della scelta matrimoriale. Ecco perche’ riesce piu’ appropriato l’uso del termine ‘discrezione di giudizio’ che. fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita’ piena” (**Pompedda M.F.*** **‘Il Consenso Matrimoniale’** f’**“Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico** (Padova,1984 p 46).

Illi l-Qorti fis-sentenza fuq citata addottat id-definizzjoni ta’ **Bersini** fis-sens li d-diskrezzjoni ta’ gudizzju tikkonsisti f’zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdependenti u cjoe’:-

- *La piena avvertenza*

- *Ii deliberate consenso.*

*“’La piena avvertenza’ si riferisce alla sfera intellettiva, ‘i deliberato consenso’ a quella volitiva.”* ....

*“La discrezione di giudizio comprende la maturita di gudizio e la maturita affettiva ... la maturita di gudizio comporta una consoscenza critica proporzionata all’atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri ceniugali che ne derivano proiettati nel future. La*

*maturita affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita, che se sono turbati o inadeguati, intaccano direttamente la volonta* e' *possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero (immaturita affettiva) e ponderato (immaturita' di gudizio.)* (***Bersini F*, "Il Diritto Canonico Matrimoniale"** Torino. 1994 p. 97)

Illi skond l-istess awtur, il-grad ta' maturita mitlub *"e la maturita di gudizie capace di penderare in concrete I doveri e diritti che une deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto* per *l'atto in Se, al memento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano".*

Illi fil-kliem ta' awtur iehor, ***Viladrich*** *"The discretion of judgment refers to the degree of maturity of comprehension and of the will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through the juridical bond, in unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring".* **(*Viladrich*, *P.J.* "Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Monteal,1993) p. 686.)

Illi l-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (P.A. (VDG) 14 t'Awissu 1985) addottat din id-definizzjoni tal-gurista **Canonica Davino**, w osservat is-segwenti:-

*"It seems that discretion of judgment or maturity of judgement can be lacking if any one of the following three conditions or hypotheses is verified:-*

*When sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking;*

*When the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection apt for the nuptial;*

*Or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, the capacity to deliberate with sufficient weighing other motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."* (Kwotazzjoni mehuda mid-decizjoni tat-**Tribunal Ekklesjastiku ta' Malta** tal-11 ta' Mejju 1990 **Coram Bajada. Forum 2** (1991) pp 173 -174).

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti f'din is-sentenza fuq riferita, dawn huma dawk l-elementi *"li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga, u cjoe', dik tal-unjoni permanenti, esklussiva, irrevokabbli*, *diretta ghall-komunjoni tal hajja u prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied".*

Ghalhekk li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju.

Illi dan il-*caput nullitatis* gie kkunsidrat fis-segwenti sentenzi tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

**Nicholas Agius vs Rita Agius** (25/05/1995)
**John Sive Ivan Sammut vs Michelle Sammut** (22/06/1995)
**Carmelo Saliba vs Mary Saliba** (14/08/1995)
**Evelyn Agius vs John Borg** (04/10/1995)
**Robert Attard vs Josephine Attard** (18/10/1995)
**Lorna Frendo vs David Camilleri** (18/10/1995)
**Carol Falzon vs Dr. Raymond Zammit noe** (30/10/1995)
**Emmanuel Camilleri vs Carmen Camilleri** (10/11/1995)
**Isabelle Zarb vs Stephen Attard** (21/11/1995)
**Michelina Micallef vs Amabile Buttigieg** (19/12/1995)
**Christine Theuma vs Simon Spiteri** (22/04/1996)
**Natalina Mifsud vs Pent Joseph Pace** (16/09/1996)
**Selina-Mania Vella Haber vs Joseph Gatt** (15/04/1996)
**Raymond Borg vs Vivien Zammit** (11/12/1996)
**Alfred Tonna vs Maria Tonna** (31/01/1996)

**Josette Spiteri vs George Spiteri** (22/11/1996)

Illi tenut kont tal-premess jidher li l-*fattispecie* ta’ dan il-kaz huma partikolari. Il-koppja ltaqghu ta’ eta` tenera ta’ (17) sbatax-il sena u (16) sittax-il sena rispettivament. Kienu ntilfu ghal xulxin u riedu jfasslu pjan biex jeghlbu d-dizapprovazzjoni tal-genituri tal-attur ghal-din ir-relazzjoni. Dan il-pjan kien jikkonsisti filli l-konvenuta tohrog tqila. Meta attwaw il-pjan taghhom, l-attur sab li kien qed jissubixxi pressjoni min-naha tal-genituri tal-konvenuta, partikolarment minn ommha, sabiex jzewwigha.

Illi din il-Qorti wkoll taqbel mal-perit legali fil-konkluzjonijiet minnha raggunti, u hija wkoll sodisfatta li mill-assjem tal-provi li dan kien pjan li dahlu ghalih iz-zewg paritijiet. Ma thossx li hu rilevanti biex tidhol fil-kwistjoni jekk kien hemm xi manuvrar da parti tal-konvenuta jew tal-genituri taghha biex hi tohrog tqila apposta u dana peress li hi sodisfatta li kien hemm difett fid-diskrezzjoni tal-gudizzju da parti taz-zewg kontendenti.

Illi min-naha l-ohra, izda, l-esponenti hija sodisfatta li dan il-pjan li wassal ghaz-zwieg eventwali tal-partijiet, fic-cirkostanzi tal-kaz, jikkostitwixxi ezempju tal-immaturita’ li giet manifestata mill-partijiet fil-mument tal-kunsens. Jirrizulta car li ma kienux kapaci li jivvalutaw sew id-dmirijiet u d-drittijiet tal-hajja mizzewga izda dahlu ghall-dan l-impenn minghajr ebda hsieb li jibnu hajja dejjiema flimkien ta’ mhabba u ta’ qsim ta’ responsabbilitajiet.

Illi fattur iehor rilevanti jikkonsisti fl-indecizjoni manifesta tal-attur li, skond ix-xhieda rapportata, kien ibiddel l-idea tieghu ta’ spiss. Meta kellmu Fr. Agius, kien jaqbel li ma jghaggilx iz-zwieg, filwaqt li meta kien jirritorna mid-dar tal-konvenuta, kien juri li biddel fehemtu. Zgur li l-ambjent tad-dar tieghu f’dawk iz-zminijiet ma kienx trankwill bizzejjed li seta’ jhajjar riflessjoni kalma u trankwilla fl-attur u ggib fih espressjoni hielsa tal-volonta’ tieghu *(internal freedom).* Anzi, issubixxa procedura gudizzjarja ta’ ittra ufficjali minghand il-genituri tieghu stess, kien tilef l-impieg tieghu mas-socjeta’ ta’ missieru, l-approvazzjoni ta’ missieru, u kien qed jghix f’hajja ta’ tensjoni mimlija

argumenti ma' missieru li fl-ahhar wasslitu biex jitlaq mid-dar tal-genituri tieghu. Min-naha l-ohra kellu pressjoni wkoll mill-familja tal-konvenuta li kienu anzjuzi li binthom tizzewweg minhabba li harget tqila. Dan juri ndhil kbir min-naha tal-genituri tal-attur, li fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tistax hlief tiddizapprova b'mod assolut.

Illi l-fatt li (a) l-kontendenti lanqas haduha bi kbira li jghixu separatament sa kwazi mill-bidunett taz-zwieg, (b) li ma kellhom xejn ippreparat u (c) ma ppjanaw xejn ghall-hajja futura taghhom bhala mizzewgin, kollha huma ndizji cari u gravi bizzejjed in sostenn tan-nuqqas ta' maturita` taghhom. Meta sussegwentement bdew jghixu flimkien, urew mill-ewwel li kienu ser jinkorru f'diffikoltajiet u ma hemm ebda dubju li dan in-nuqqas ta' preparazzjoni u maturita' kienu l-kagun ewlieni ghat-tifrik tal-hajja mizzewga taghhom. Iz-zwieg taghhom, fil-fatt kien *non starter.*

Illi din il-Qorti thoss li ghandha taghti piz ghax-xhieda ta' Fr. Tony Agius li zamm diversi nkontri mal-partijiet stess u, minkejja dawn l-inkontri, anzi, bhala rizultat taghhom, zamm ferm mal-konkluzjoni tieghu li huma kienu ser jidhlu ghaz-zwieg bil-ghaggla u li dan iz-zwieg *"did not stand a chance". Inoltre*, din in-nuqqas ta' maturita' giet ikkonfermata mill-genituri tal-attur stess li wkoll taw xhieda ghall-istat ta' ncertezza tieghu. Ix-xhiedha ta' Jason Fabri, li sar jaf lill-attur meta kien appena zzewweg, ukoll tikkorrobora t-tesi tieghu dwar ir-raguni ghalfejn izzewweg. Dan apparti li fl-ahhar mill-ahhar dak li wassal il-partijiet biex jizzewgu, apparti li l-attur sfida lill-genituri tieghu, kien il-fatt li l-konvenuta kienet harget tqila u hawn il-Qorti taghmel referenza ghal diversi kwotazzjonijiet mix-xhieda tal-attur fuq riportata.

Illi din il-Qorti taqbel mal-Perit Legali u tikkonkludi billi issib li z-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat fir-Registru taz-Zwigijiet fit-8 ta' Jannar 1987 ghandu jigi dikjarat null u bla effett minhabba difett serju fid-diskrezzjoni tal-gudizzju da parti ta' kull wiehed u wahda mill-kontendenti a tenur tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Ligijiet ta' Malta**.

## III.  KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat fir-Registru Pubbliku fit-8 ta' Jannar 1987, bejn il-kontendenti (Certifikat Nru. 23/87) kien null u bla effett, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi skond l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------